MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 321/2003

**Auto Sales Limited**

**vs**

**Baskal Giordemaina u Diane Giordamaina**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-17 ta' Gunju tas-sena 2003 li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannat:**

**1. Ihallsu l-ammont ta' erbat elef tlett mija u dsatax-il Liri Maltin u sitt centezmi (LM4,319.06)**

**rappresentanti l-ammont dovut import ta' diversi kambjali kif jirrizulta mill-kambjalijiet annessi. (Dok. A1 sa A29);**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datati 12 ta' April ta' l-1999, 20 ta' Jannar u 26 ta' Settembru tas-sena 2003 bl-imghax legali bir-rata ta' 8% fis-sena mid-dati rispettivi ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv;**

**3. Il-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota datata is-7 ta' Ottubru tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenuti ammettew it-talbiet attrici;**

**Ghaldaqstant in vista ta' l-ammissjoni fuq riferita din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti Baskal Giordemaina u Diane Giordamaina biex ihallsu lis-socjeta' Auto Sales Limited l-ammont ta' erbat elef tlett mija u dsatax-il Liri Maltin u sitt centezmi (Lm4319.06) inkluzi l-imghaxijiet kif mitluba, bl-ispejjez.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------